32004R2086

9.12.2004 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 363/1

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2086/2004

tad-19 ta' Novembru 2004

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1725/2003 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità bi qbil mar-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-inseriment tal-IAS 39 (Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 rigward l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3 (1) tiegħu,

Billi:

(1) Bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1725/2003[2] ġew adottati ċerti standards u interpretazzjonijiet internazzjonali li kienu eżistenti fl-1 ta' Settembru 2002.

(2) Fis-17 ta' Diċembru 2003, il-Bord tal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità (IASB) ppubblika l-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS) 39 Strumenti Finanzjarji: Rikonoxximent u Kejl bħala parti mill-inizjattiva tal-IASB sabiex jittejbu ħmistax-il standard kmieni biżżejjed sabiex jintużaw minn kumpaniji li jadottaw l-IAS għall-ewwel darba fl-2005. L-għan tar-reviżjoni kien it-tkomplija tat-titjib tal-kwalità u l-konsistenza tal-korp ta' IAS eżistenti.

(3) Fil-31 ta' Marzu 2004, l-IASB ħareġ emenda għall-Istrumenti Finanzjarji IAS 39: Rikonoxximent u Kejl fuq Kontabalità għall-Hedging fuq il-Valur Ġust għal Hedge fil-Portafoll fuq iċ-Ċaqliq fir-Rata tal-Imgħax. L-għan ġenerali tal-emenda huwa li tiġi ssimplifikata l-implimentazzjoni tal-IAS 39 billi ssir possibbli l-kontabilità għall-hedging fuq il-valur ġust għal hedge tal-portafoll tar-riskju tar-rata taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax.

---

[1] ĠU L 243, 11.9.2002 p. 1

[2] ĠU L 261, 13.10.2003, p1 Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 707/2004 (ĠU L 111, 17.4.2004, p. 3)

(4) Skont ir-Regolament Nru 1606/2002, huwa l-għan tal-Kummissjoni li jkollha pjattaforma stabbli ta' standards internazzjonali tal-kontabilità stabbiliti sa mill-1 ta' Jannar 2005. Madankollu, ċerti dispożizzjonijiet importanti fl-IAS 39 għadhom is-suġġett ta' diskussjonijiet li għadhom għaddejjin bejn l-IASB, il-Bank Ċentrali Ewropew, il-kontrolluri prudenzjali u l-industrija tal-banek. Dawn id-dispożizzjonijiet jirrigwardaw l-għażla tal-kontabilizzazzjoni bil-valur ġust tal-assi u l-obbligazzjonijiet finanzjarji kollha u l-kontabilità għall-hedging. Kull waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet tirrigwarda oqsma li huma għal kollox awtonomi, distinti u separati mill-bqija tal-istandard. Sabiex tiġi rrispettata d-data tal-1 ta' Jannar 2005, huwa neċessarju li jiġi introdott l-IAS 39 bl-eċċezzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

(5) L-IAS 39 jintroduċi l-għażla tal-kontabilizzazzjoni bil-valur ġust tal-assi u l-obbligazzjonijiet finanzjarji kollha mingħajr restrizzjonijiet. Madankollu, l-IASB riċentament ippubblika Abbozz għad-Diskussjoni li jipproponi emenda għall-IAS 39 sabiex tiġi ristretta l-għażla tal-kontabilizzazzjoni bil-valur ġust li hemm fl-istandard. L-emenda proposta hija risposta diretta għat-tħassib espress mill-Bank Ċentrali Ewropew, mill-kontrolluri prudenzjali rrappreżentati fil-Kumitat ta' Basel u kif ukoll ir-regolaturi tat-titoli tal-Istati Membri li huma mħassba li l-għażla tal-kontabilizzazzjoni bil-valur ġust tista' tintuża ħażin, partikolarment fil-każ tal-obbligazzjonijiet tal-kumpanija stess. Il-Kummissjoni tqis dawn il-kwistjonijiet bħala importanti u li jeħtieġu aktar studju. L-IASB rċieva bosta kummenti dwar din l-emenda proposta u huwa mistenni li jieħu deċiżjoni finali dwar din il-kwistjoni sa tmiem l-2004. Ir-Regolament jippermetti li l-għażla tal-kontabilizzazzjoni bil-valur ġust tiġi applikata għall-assi finanzjarji. Madankollu, fil-każ tal-assi finanzjarji li m'humiex innegozjati fi swieq attivi u likwidi, il-kumpaniji għandhom jieħdu ħsieb sabiex japplikaw l-għażla tal-kontabilizzazzjoni bil-valur ġust għall-assi fiananzjarji b'mod li jwassal għal kejl affidabbli.

(6) L-għażla sħiħa tal-kontabilizzazzjoni bil-valur ġust m'għandhiex tapplika sakemm l-IASB ikun żviluppa soluzzjoni għal din il-kwistjoni u sakemm il-Kummissjoni tkun tista' tirrikonoxxi li tkun instabet soluzzjoni għal din il-kwistjoni. Ladarba l-għażla tal-kontabilizzazzjoni bil-valur ġust hija biss għażla, huwa ċar li d-dispożizzjonijiet li relatati ma' din l-għażla huma distinti u separabbli mill-partijiet l-oħra tal-istandard.

(7) Dwar il-kontabilità għall-hedging, hemm diskussjoni dwar jekk l-IAS 39 iqisx biżżejjed il-mod kif bosta banek Ewropej iħaddmu l-ġestjoni tal-assi/obbligazzjonijiet tagħhom, b'mod partikolari f'ambjent ta' rati tal-imgħax fissi. Il-kontroversja hija dwar il-limitazzjoni tal-kontabilità tal-hedging jew għal hedges fuq il-flussi tal-flus jew hedges fuq il-valur ġust u r-rekwiżiti stretti li jirrigwardaw l-effikaċja ta' dawn il-hedges.

(8) Bosta banek Ewropej isostnu li l-IAS 39 ma jippermettilhomx li japplikaw il-kontabilità għall-hedging għad-depożiti ċentrali tagħhom fuq il-bażi ta' portafoll u jġegħilhom iwettqu bidliet sproporzjanati u għaljin kemm għall-ġestjoni tagħhom tal-assi/obbligazzjonijiet u kif ukoll għas-sistemi tal-kontabilità tagħhom. Minħabba li hedge tal-portafoll – minħabba interazzjonijiet interni u l-liġi tan-numri l-kbar – hija differenti minn hedge ta' assi jew obbligazzjonijiet individwali, hemm ukoll min jargumenta li l-kontabilità għall-hedging tal-portafoll tad-depożiti ċentrali fuq il-bażi ta' kejl tal-valur ġust hija konsistenti mal-prinċipju fl-IAS 39 li l-valur ġust ta'

obbligazzjoni finanzjarja b'karatteristika ta' domanda ma jistax ikun inqas mill-ammont pagabbli fuq domanda.

(9) Il-kwistjoni jekk u meta t-trattament tal-kontabilità tal-hedging tal-portafoll jista' jkun imfassal b'tali mod li jirrifletti aħjar il-partikolaritajiet tal-banek li jkunu qed joperaw f'ambjent ta' rati fissi tal-imgħax ġiet rikonoxxuta bħala kwistjoni sinifikanti mill-IASB. Dan tal-aħħar ħoloq bħala kwistjoni ta' prijorità grupp ta' ħidma li qed jeżamina l-proposti magħmula mill-banek Ewropej għall-introduzzjoni fl-IAS 39 ta' metodu ġdid ta' kontabilità għall-hedging (hedge tal-marġni tal-imgħax) li jirrifletti aktar mill-qrib il-mod kif dawn il-banek jamministraw l-assi/obbligazzjonijiet tagħhom.

(10) Id-dispożizzjonijiet tal-IAS 39, li jirrigwardaw direttament it-trattament tal-kontabilità tal-hedging tal-portafoll għalhekk m'għandhomx jiġu adottati għal użu mandatorju f'dan il-punt minħabba li ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala finali u jistgħu jiġu mibdula fil-futur qarib. Id-dispożizzjonijiet relevanti li huma esklużi mill-applikazzjoni mandatorja huma distinti u separabbli b'mod ċar mill-bqija tal-istandard. Huma jirrigwardaw dawk id-dispożizzjonijiet li ma jirriflettux approċċ tal-portafoll u għalhekk ma jippermettux l-applikazzjoni tal-kontabilità għall-hedging għal depożiti ċentrali u dawk id-dispożizzjonijiet li jassimilaw riskju tal-prepagament ma' riskju taċ-ċaqliq tar-rati tal-imgħax u għalhekk ma jippermettux il-kontinwazzjoni tat-tekniki tal-ġestjoni tar-riskju rikonoxxuti bħala aċċettabbli mill-kontrolluri bankarji. Madankollu, il-kumpaniji għandhom l-għażla li japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet u jistgħu għalhekk japplikaw id-dispożizzjonijiet kollha tal-kontabilità għall-hedging fl-IAS 39.

(11) L-eżistenza fil-liġi tal-Komunità ta' standard tal-kontabilità dwar it-trattament tal-istrumenti finanzjarji hija element essenzjali tal-grupp ċentrali ta' standards li għandhom jiġu applikati mill-kumpaniji fl-2005. Huwa għalhekk l-għan li naslu malajr kemm jista' jkun – u jekk b'xi mod possibbli mhux aktar tard minn madwar tmiem l-2005 – għal sitwazzjoni li biha l-IAS 39 emendat jista' jiġi adottat b'mod sħiħ mill-Kummissjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni se tivvaluta l-applikabilità tal-IAS 39 ladarba d-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw l-għażla tal-valur ġust u l-kontabilità tal-hedging jiġu emendati mill-IASB u mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2005. Qed issir ħidma fuq soluzzjoni bejn l-IASB, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-kontrolluri bankarji għall-għażla tal-valur ġust. Għaldaqstant, il-Kummissjoni se ssegwi mill-qrib il-ħidma li tinsab għaddejja u se tivvaluta regolarment l-applikabilità tal-istandard. Bl-istess mod, l-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet xierqa dwar il-kontabilità għall-hedging fil-futur qarib hija marbuta mill-qrib mal-progress li jsir fil-grupp ta' ħidma mwaqqaf mill-IASB.

(12) Kumpaniji li jippreparaw għall-ewwel darba d-dikjarazzjonijiet finanzjarji tagħhom skont l-istandards internazzjonali tar-rappurtaġġ finanzjarju (IFRS) u japplikaw l-IAS 39 fil-verżjoni mehmuża ma' dan ir-Regolament għandhom jiġi kkunsidrati fost "min jadotta għall-ewwel darba" fit-tifsira tal-IFRS 1, kif adottat mir-Regolament (KE) Nru 707/2004 u r-Regolament preżenti. L-għan tal-IFRS 1 hu li l-ispejjeż għat-tranżizzjoni lejn l-IAS/IFRS sħiħ m'għandhomx ikunu akbar mill-benefiċċji għall-utenti tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji. Dan ir-raġunament ikompli japplika fil-każ ta' moviment lejn applikazzjoni sħiħa tal-IAS approvat. Għaldaqstant, referenzi fl-IFRS 1 għall-IAS/IFRS, li ġie adottat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 707/2004, għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għall-IAS/IFRS kif adottati fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002.

(13) L-adozzjoni tal-IAS 39 timplika, b'konsegwenza, emendi għall-IAS Nri 12, 18, 19, 30, 36 u 37, u SIC 37, li ġew adottati bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1725/2003, sabiex tkun assigurata l-konsistenza bejn l-istandards tal-kontabilità kkonċernati.

(14) Għaldaqstant il-Kummissjoni kkonkludiet li l-IAS 39 kif stabbilit fl-Anness ma' dan ir-Regolament jissodisfa l-kriterji għall-adozzjoni stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002.

(15) Ir-Regolament (KE) Nru 1725/2003 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(16) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Regolatorju tal-Kontabilità,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS) 39 *Strumenti Finanzjarji*: *Rikonoxximent u Kejl*, bl-eċċezzjoni ta' xi whud mid-dispożizzjonijiet dwar l-użu tal-għażla tal-valur ġust u xi whud mid-dispożizzjonijiet tiegħu li jirrigwardaw il-kontabilità tal-hedging, huwa inkluż fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1725/2003.

   It-test għall-inklużjoni, imsemmi fl-ewwel subparagrafu, jinsab fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

2. Il-kumpaniji għandhom jitqiesu fost "min jadotta għall-ewwel darba" skont il-paragrafu 1. Referenzi fl-IFRS 1 għall-IAS/IFRS għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għall-IAS/IFRS kif adottati fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002.

3. L-IAS Nri 12, 18, 19, 30, 36 u 37 u SIC-27 u kif ukoll l-Istandard Internazzjonali tar-Rappurtaġġ Finanzjarju Nru 1 huma emendati skont l-Appendiċi B tal-IAS 39, kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Huwa għandu jibda japplika mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2005.

Magħmul fi Brussell, 19 ta' Novembru 2004.

Għall-Kummissjoni
Frederik BOLKESTEIN
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Għal verżjoni aġġornata u konsolidata tal-istandard/s imsemmi/ja f'dan ir-Regolament, ara r-Regolament tal-Kummissoni (KE) Nru 1126/2008 tat-3 ta' Novembru 2008

li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 320, 29.11.2008, p. 1-481.